ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
10 AUG 2022
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA



FIT-TRIBUNAL TA' REVIŻJONI DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

| | |
|---|---|
| **Applikazzjoni** | PA/00662/21 |
| **Post** | Public Garden, Vjal il-Labour, Triq tal-Labour and, Triq l-Imdina, Naxxar |
| **Proposta** | To carry out embellishment works at existing public garden. Works include organising and increasing trees, shrubs and flower beds, re-paving, installation of new seating and rendering the garden accessible for all. |
| **Applikant** | Mr Paul Gatt obo Naxxar Local Council |

**RIKORS TAL-APPELL ta' Central Asphalt Limited (C-23652)**

Tesponi bir-rispett:

Illi s-soċjetà esponenti ippreżentat oġġezzjoni formali kontra l-imsemmija applikazzjoni permezz ta' ittra datata 10 ta' Marzu 2021.

Illi minkejja tali oġġezzjoni u diversi oġġezzjonijiet oħra ta' terzi li ġew preżentati l-applikazzjoni *de quo* ġiet milqugħa.

Illi s-soċjetà esponenti ħasset ruħha aggravata b'dan il-permezz u għalhekk qed tippreżenta appell mill-approvazzjoni tal-istess permess.

Illi l-aggravji tas-soċjetà esponenti huma s-segwenti:

1. Huwa evidenti minn qari tal-*case officer report* li r-rakkomandazzjoni favorevoli għal dan il-permess ma ħadet l-ebda kont tar-*Rural Design Policy Guidelines 2014.* Il-minuti tal-Awtorità tal-Ippjanar ma jagħmlu l-ebda referenza għall-imsemmija Linji Gwida. Huwa evidenti għalhekk, li minkejja li s-sit in kwistjoni jinsab barra miż-żona tal-iżvilupp l-imsemmija Linji Gwida ġew injorati għal kollox. Dan huwa nuqqas serju li għandu jwassal għat-tħassir tad-deċiżjoni appellata għaliex l-Awtorità tal-Ippjanar kienet tenuta li tikkonsidera l-imsemmija Linji Gwida.

2. pL-iżvilupp approvat qiegħed illegalment inaqqas il-potenzjal tal-iżvilupp tal-proprjetà adjaċenti tas-soċjetà esponenti u fil-fatt qiegħed jippreġudika l-applikazzjoni PA2824/21.

3. Il-linja tal-faċċata attwali tas-soċjetà esponenti tirriżulta mis-site plans anteċedenti għall-1967, għalhekk is-soċjetà esponenti għandha dritt kweżit li ma jistax jiġi mittiefes b'applikazzjoni ta' terzi.

4. L-art mertu tal-applikazzjoni hija art pubblika. Il-*clearance* maħruġa mill-Awtorità tal-Artijiet (Red 4a) hija soġġetta għal serje ta' kondizzjonijiet, fosthom li: ma jiġux effettwati drittijiet ta' terzi u li ma jinħolqux drittijiet ġodda fuq art tal-Gvern li ma kienux diġà jeżistu. Il-permess approvat jikser dawn iż-żewġ kondizzjonijiet għaliex qiegħed jippreġudika il-proprjetà tas-soċjetà esponenti u qed tiġi okkupata art tal-Gvern li llum isservi bħala triq.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi jiġi sottomess bir-rispett li l-permess PA/00662/21 għandu jiġi revokat.

Avv. Massimo Vella
43E, St. Paul's Buildings
West Street
Valletta

Esponenti: Central Asphalt Limited, Labour Avenue, Naxxar

**Elenku tax-Xhieda ta' Central Asphalt Limited (C-23652)**

1. Rappreżentanti tal-esponenti għall-konferma tal-fatti dikjarati;

2. Il-Perit Dario Mangion sabiex jixhed dwar il-fatti tal-każ;

3. Rappreżentanti tal-Awtorità tal-Artijiet sabiex jixhdu dwar il-fatti tal-każ;

4. Rappreżentanti tal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jixhdu dwar il-fatti tal-każ;

5. Rappreżentanti tal-Kunsill Lokali Naxxar sabiex jixhdu dwar il-fatti tal-każ;

Avv. Massimo Vella
43E, St. Paul's Buildings
West Street
Valletta